# IN-NISA U WAĦX IL-BAQAR

"Ħierġa għall-frisk il-lejla, Karm ?" għajtet Marì lil Karmni li kienet toqgħod quddiemha; u Karmni, malli spiċċat mix-xogħol li kellha f'idejha, ħarġet u marret tpaċpaċ ma' Marì fuq il-għatba tal-bieb ta' barra.

Kienet ilha ftit li daqqet l-*Ave Marija.* L-irġiel kienu ġà ġew mill-għalqa, kielu u marru l-ħanut jixorbu xi pinta mal-ħbieb : għalhekk in-nisa kienu setgħu jitkellmu kemm iridu. Ma' Karmni u Marì bdew jinġabru nisa oħra,u minn fuq il-għatba, min kokka fl-art, sakemm dalam sewwa, kważi n-nisa kollha tas-sqaq kienu mdawrin qaqoċċa quddiem il-bieb ta' Marì.

"Kemm domt il-lejla ?" staqsiet waħda lil Grezz li kienet iddawret ma ġiet.

"Għax fid-dar dejjem issib x'tagħmel, jew ħaġa jew oħra u qatt ma jkolli ħin mistrieħ. Imbagħad illum dar-riħ isfel qatilni."

"Iva tassew dar-riħ isfel iħaddlek ; anqas iħallilek qalb tagħmel xejn. Imma naħseb li ma ndumux wisq inbatu bih għax Settembru għoddu spiċċa u nbagħad la jidħol Ottubru jibda l-frisk."

"Issa San Bartilmew għadda. Nibdew nittennew xi bexxa xita."

"U nittennew il-Waħx-il-Baqar ukol" qabżet qalet waħda xiħa.

"Xi jkun dan il-Waħx-il-Baqar ?" staqsew f'daqqa żewġt itfal.

"Qatt ma smajtu bih ? Mela ħalli ngħidilkom. Dana hu ruħ li toħroġ iddur dawra mar-raħal għall-ħabta tal-bidu tax-xitwa, ingħidu aħna f'dan iż-żmien li aħna fih. Għandha għamla ta' baqra, għallinqas hekk igħidu, għax jien, biex ngħidilkom is-sewwa, qatt ma rajtha, imma Ġanna tagħna ratha. Dik miskina kienet darba id-dar weħidha għax ir-raġel tagħha kien baqa' ir-razzet, u, għal xi nofs il-lejl, tisma' l-bieb iħabbat. Tinżel mis-sodda, issaqsi "Min hemm ?" u minn flok tweġibha semgħet minn jagħti bis-sieq mal-bieb. Tittawwal

mit-toqba tal-muftieħ u wara l-bieb tara lil Waħx-il-baqar. Għalhekk ġarret kull ma sabet, staneg, mejda, siġġijiet — rifdet il-bieb bihom u għal dik id-darba ħelsitha ħafif."

Wara li spiċċat ix-xiħa, ħafna oħra riedu jgħidu xi ħaġa huma wkoll, u dik il-lejla ma tkellmux ħlief fuq it-torok ta' Waħx-il-Baqar. Ħalli għalihom in-nisa kemm beżgħu huma u jisimgħu dawk il-ħwejjeġ; mhux għax kienu nisa li jibżgħu minn dellhom, imma mal-ħersien ma hemmx logħob. Ukoll dak il-ħin kien hemm ħafna li bdew jitgeddsu ma' xulxin u kull tant jagħtu daqqa ta' għajn bis-serqa ġo d-dlam tas-sqaq; tistgħu mela taħsbu l-biża' li sabu ruħhom fih kif daħlu d-dar.

*
*   *

Ma kienx ilu li daqq nofs il-lejl. In-nies kienu kollha raqdu u ġewwa s-sqaq fejn xi sagħtejn qabel dawk in-nisa kienu jpaċpċu, issa ma kien hemm ħlief dlam u ħemda.

Minnufih fil-bogħod instema' leħen oħxon. Wara ftit reġa' nstema' l-istess ħoss, u hekk baqa' kull tant jinstema' u dejjem iktar fil-krib sakemm fl-aħħar beda jinstema' wkoll il-mixi donnu ta' xi bhima għaddejja mis-sqaq. In-nies ta' dawk l-inħawi kollha qamu, imma min ma kellux qalb joħroġ mis-sodda u min beża', hekk li dal-ħoss baqa' għaddej minn ġos-sqaq bil-kwiet tiegħu kollu. Imma għalkemm ħadd ma rah ħafna kienu jaħilfu li dak kien Waħx-il-Baqar.

*
*   *

Marì, malli daqqet il-quddiesa ta' l-ewwel, qamet u thejjiet biex tmur tismagħha imma mħabba dak il-ħoss ta' bil-lejl beżgħet toħroġ weħedha u qagħdet tistenna li toħroġ Karmni biex tmur magħha.

Din ma ħallithiex wisq tistenna għax malajr ħarġet u telqu lejn il-knisja jitkellmu.

"Smajtu, Karm, dak li għadda dal-lejl mis-sqaq?"

"U ngħid smajtux! Ir-raġel ried igħid li ma kienx Waħx-il-Baqar, imma lili ħadd ma jneħħili minn rasi li kien hu.

"U ngħid! Jiena hekk għedt ukoll u hekk nibqa' ngħid, għax dak il-ħin ma kienx ħin li jgħaddu l-bhejjem."

"Ara, dak minn hu li ġej jiġri?

"Dak Ġanni ta' Katarin. Tgħid fejn sejjer jiġri dal-għodu?"

Ma laħaqx wasal li ma staqsewhx "Fejn sejjer, Ġann, dal-ġiri kollu?"

U dak, mingħajr l-anqas jiekaf "Ħarbitli l-baqra" qal. "Dal-għodu mort u ma sibthiex hemm, ħarbet bil-lejl".

"Iva!!" qabżu qalu ż-żewġ nisa f'daqqa, u mistagħġba u mistħija baqgħu jħarsu lejn xulxin.

S. B.